TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru 1807

Kaz Nru 1679

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Rosainne Galea

u

Malta International Training Centre

Dwar tkeccija mill-Impjieg
allegata li hi ngusta.

Illum : 11 ta' Settembru, 2007

Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM, IPD(UK)

Din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali permezz ta' ittra datata 29 ta' Lulju, 2002, Riferenza MSP/TI/63/2002 biex tigi processata skond il-provedimenti ta' l-Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ms Rosianne Galea li minn issa tidher bhala l-Appellant, kienet assistita mill-Avukat Adrain Delia. Ghas-Socjeta Malta International Training Centre deher is-Sur Joseph Rizzo assistit mill-Avukat Richard Camilleri.

Fl-istqarrija tal-kaz l-Appellant tghid, li hija bdiet tahdem mal-Malta International Training Centre fi Frar 1992 (dak iz-zmien taht l-isem ta' Mediterranean Insurance

Training Centre), taht kuntratt ta' sekondment mill-Mediterranean Insurance Brokers (MIB) li taghhom hija kienet impjegata. Daqs erba snin wara giet offrutha l-possibilta' li tirrezenja mill-MIB u tmur full-time mal-MITC. Hija tkompli tghid, li f'dak iz-zmien kellha kumpanija taghha, li kien jisima Galea Insurance Services. Din kellha licenzja biex tbieh il-prodotti tal-assikurazzjoni tal-Middle Sea Insurance. Dwar dan ix-xoghol il-management kien jaf u ma sab l-ebda oggezzjoni anke li tahdem hinijiet flessibbli.

Fl-istqarrija tal-kaz taghha hija tkompli tghid, li fis-sena 2000 ic-Chairman tal-MITC is-Sur Mario Grech li kien ukoll ic-Chairman tal-Middle Sea Insurane li taghha l-MITC kienet sussidjarja, qal lill appellant illi l-Middle Sea kienet ser tbieh parti mill-ishma li kellha fl-MITC u li xtaq idahhal lill-MFSA u ohrajn fix-shareholding tal-MITC. Qallilha wkoll, illi dawn setghu isibu oggezzjoni ghal-mod kif kienet taqdi dmirijietha u li kienu diga qalulu li kien ser ikun hemm konflitt ta' interess. Dwar dan l-appellant ma qablitx, peress li l-Kumpanija taghha u l-MITC kienu joperaw f'setturi differenti u qaltlu li shareholders godda ma setghux jaqbdu u jibiddlu il-ftehim u l-arrangamenti li hija kellha ma l-MITC ghal dak iz-zmien kollu. Fil-fatt xejn ma nbidel u l-appellant baqghet tahdem bl-istess arrangament illi kellha.

L-Appellant tkompli tghid li f'Novembru 2000, hija waqqfet is-socjeta Future Focus li bhala attivita principali taghha toffri konsulenza ghan-negozji u entitajiet ohra. Xahar wara l-Prof. Bannister li kien ic-Chairman tal-MFSA, kellem lill-Appellant u qajjem il-kwistjoni ta' konflitt ta' interess bejn id-dmirijiet li kellha fl-MITC u l-interess li kellha fil-Kumpanija taghha ta' l-Insurance. F'din il-laqgha ma gietx imsemmija Future Focus ghax il-Prof. Bannister ma kienx jaf biha.

L-Appellant tkompli tghid, li f'Awissu 2002 il-Prof. Bannister li sa dak iz-zmien kien lahaq direttur tal-MITC u is-Sur Mario Grech li kien ukoll direttur tal-MITC talbu lill Rosainne Galea biex tirrezenja minn jeddha ghax qalu li riedu lill xi hadd li jkun prezenti l-MITC il-gurnata kollha u dan hi ma setghatx taghmlu minhabba il-fatt li ma setghatx titlaq il-poizizzjoni li kellha fil-Kumpanija taghha. Hija tkompli tghid, li ma accettatx li tirrezenja u fl-ahhar gimgha ta' April is-Sur Grech bghat ghaliha u offrilha somma ta' erbat elef lira Maltin. L-appellant tkompli tghid, li din is-somma ma accetathiex ghar-raguni li l-ammont ma kienx xieraq ghal-pozizzjoni li kienet se thalli u ghax-xoghol kollu li kienet ghamlet ghall-MITC.

Hija tkompli tghid li Mejju 2002, meta marret ghax-xoghol bhas-soltu, sabet lis-Sur James Portelli jokkupa id-desk taghha. Dan qalilha li issa hu kien il-kap u taha l-business card tieghu, mbaghad talabha c-cwievet tal-karozza tal-Kumpanija. Hija tkompli tghid, li dak il-hin stess marret tkellem lis-Sur Grech u ghalkemm irrikonxxa il-kontribut siwi li hija ghamlet matul is-snin lill-MITC, huwa qalilha li kellu pressure biex jitterminalha l-impjieg taghha. Hija tkompli tghid, li is-sur Portelli gie moghti lilhu l-istess kariga li kellha anke jekk it-titlu huwa differenti.

L-appellant ttemm l-istqarrija tal-kaz taghha fejn tghid, li f'Gunju irceviet l-ittra tat-terminazzjoni ta' l-impjieg fejn tghid, li gie allegat li kien hemm konflitt ta' interess bejn il-kariga taghha fil-kumpanija ma l-interessi privati taghha.

Ghas-Socjeta intimata da parti taghha qalet, li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellanta saret ghar-ragunijiet segwenti :-

1) L-appellanta, minghajr il-kunsens tal-kumpanija, akkont taghha jew akkont ta' haddiehor, ghamlet negozju jew kellha interess f'kummerc ta' l-istess xorta ta' dak gestit mill-Kumpanija.

2) L-appellanta ppregudikat jew ippruvat tippregudika ir-relazzjonijiet u l-interessi kummercjali u kontrattwali tal-kumpanija ma terzi meta kellha l-obbligu li tipprotegihom u tippromovihom.
3) Minghajr pregudizzju ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-atti fuq imsemmija saru ghalkemm l-appellanta assikurat lill-kumpanija li ma kellha l-ebda interess f'negozju jew kummerc li kien jikkonflingi mal-interessi tal-kumpanija,
4) L-appellanta wzat il-propjeta, il-kuntatti kummercjali u l-informazzjoni kunfidenzjali li akkwistat fil-kariga taghha mal-kumpanija ghal interessi privati kummercjali taghha.

Fl-istqarrija tal-kaz is-socjeta tkompli tghid, li l-appellanta akkont tal-kumpanija Future Focus Ltd (li taghha hija direttur kif ukoll azzjonista), wara li ghamlet arrangamenti minn wara dahar il-kumpanija mal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig u entita bbazata l-Ingilterra bl-isem "Institute of Sales and Marketing Management", organizzat korsijiet ta' tahrig sponsorjati mill-imsemmija Korporazzjoni u akkreditati mill-Institute u da di piu meta l-arrangamenti nizjali ghall-istess korsijiet mal-imsemmija Korporazzjoni u l-Institiute kienu saru mill-appellanta ghan-nom tal-kumpanija u li l-appellanta kienet taf, minhabba l-pozizzjoni ta' fiducja li kienet tokkupa fil-kumpanija, li l-kumpanija kienet ftit qabel akkwistat is-"sole accreditation" ghal Malta mill-Institue u ghal dan kienet halset somma konsiderevoli u dahlet f'obbligi ohra ma terzi.

Is-Socjeta tkompli tghid, li l-kumpanija saret taf b'dawn il-fatti waqt li kienu qed isiru diskussjonijiet bejn l-appellanta u l-kumpanija dwar il-possibilita li l-appellanta tirrezenja mill-impjieg. Ic-cirkostanzi li wasslu ghal dawn id-diskussjonijiet kienu kif ser jinghad. Fis-sena 2001, wara li l-Universita, il-Malta Financial Services Centre, il-Malta Arbitration Centre, il-Malta Stock Exchange u il-Malta Insurance Association kienu dahlu bhala azzjonisti fil-kumpanija

flimkien mal-Middle Sea Insurance plc u gie deciz li jitwessghu u jitkabbru l-attivitajiet tal-Kumpanija u ghal dan l-iskop il-kumpanija kellha bzonn is-servizzi ta' Chief Executive li jista jiddedika il-hin kollu ghat-tmexxija tal-kumpanija. Is-Socjeta tghid ukoll, li l-appellanta apparti x-xoghol taghha bhala principal fil-kumpanija kienet tiddedika hafna mill-hin taghha ghat-tmexxija tan-negozju personali taghha. Il-Bord tal-Kumpanija offra dan ir-rwol ta' Chief Executive ( li kien ukoll jinkorpora hafna mill-funzjonijiet li kellha l-appellanta bhala principal) lill appellanta basta li din tkun lesta li tiddedika aktar hin u energija fit-tmexxija tal-kumpanija. Kienu saru diskussjonijiet mal-appellanta, pero minn dawn id-diskussjonijiet deher car li l-appellanta ma kienitx lesta li tiddedika aktar hin ghall-attivitajiet tal-kumpanija u dan minhabba in-negozju personali taghha u irrifjutat u jew ghamlet kundizzjonijiet irragonevoli ghal proposti maghmula mill-Bord. Il-Bord ghalhekk ma kellu ebda alternattiva ohra hlief li jimpjega persuna ohra fir-rwol ta' Chief Executive b'mod li l-post tal-appellanta gie zejjed ghall-htigijiet tal-operazzjonijiet tal-Kumpanija. Il-Bord pero ma qabadx u ttermina l-impjieg tal-appellanta a bazi ta' redundancy kif kellu d-dritt li jaghmel, kien offra lill-appellanta li tibqa mal-kumpanija fuq bazi part-time u talabha tindika ix-xoghol u l-hin li setghet tiddedika ghal dan il-ghan u anke beda jiddiskuti mal-appellanta dwar il-possibiltita li l-istess appellant tirrezenja mill-impjieg u tinghata hlas ex-gratia b'rikonoxximent ghas-servizz moghti lill-kumpanija fil-passat. Kienu qed isiru negozjati f'dan is-sens, meta l-kumpanija saret taf bil-fatti msemmija u ma kellha ebda alternattiva ghajr li tittermina l-impjieg tal-appellanta sommarjament.

Is-socjeta tghalaq l-istqarrija tal-kaz taghha fejn tghid, li kienet taf li l- appellanta kienet tuza il-propjeta, il-kuntatti kummercjali, l-informazzjoni kunfidenzjali li akkwistat fil-kariga taghha kif ukoll il-pozizzjoni taghha biex tivvantaggja l-interessi privati kummercjali taghha.

PROVI

Mill-provi jirrizulta, li l-appellanta giet impjegata mas-Socjeta fl'1 ta' Awissu 1996 u l-impjieg taghha gie tterminat fis-19 ta' Gunju 2002 meta kienet tokkupa l-grad ta' principal.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-appellanta kellha interessi f'zewg kumpaniji ohra li kienu Galea Insurance u Future Focus. Matul it-terminu ta' l'impjieg taghha, il-management kien jaf li l-appellanta kienet tahdem hinijiet flessibbli biex taqdi kemm id-doveri taghha mal-Malta International Training Centre kif ukoll ma' l-interessi privati taghha.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li qabel ma gie tterminat l-impjieg taghha, ix-shareholders kif ukoll id-diretturi ta'l-MITC inbiddlu u riedu li jintensifikaw l-impenn ta' l-MITC fil-qasam tat-tahrig. Ghal dan il-ghan, il-management iddecieda li johloq il-grad ta' Chief Eexecutive liema grad gie offrut lill-appellanta.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-appellanta irrifjutat l-offerta tal-management li fost ohrajn kien jirrikjedi li l-appellanta ma tibqax tahdem il-hinijiet flessibbli li kellha.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-management beda joggezzjoni ghall-interessi li l-appellanta kellha f'Kumpaniji ohra u raguni li giet moghtija lillha kien primarjament li dan kien qed johloq konflitt ta' interess ma l-impjieg taghha fl'MITC.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li kors li kellu jsir u li kienet inkarigata minnhu l-appellanta ghan-nom ta' l-MITC u liema kors kellu jsir b'kollaborazzjoni ma l-ETC ma immaterjalizzax, izda fl'istess waqt, l-istess kors sar possibbli li jsir minn Future Focus fejn l-appellanta kellha interessi f'din il-Kumpanija.

KUNSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal Industrijali jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda biex jinghad li d-dinja tax-xoghol hi wahda dinamika u mhux statika u ghaldaqstant l-attivitajiet u l-funzjonijiet ta' l-organizazzjoni jistghu jinbidlu matul iz-zmienijiet u dan jista wkoll jirrikjedi li jinbdilu l-funzjonijiet u d-dmirijiet ta'l-impjegati taghha. Insegwitu ta' dan, l-MITC, riedet li tkun aktar impenjattiva u l-impenn taghha kien jirrikjedi re-organizzjoni fl-istrutturi taghha li wassal biex holqot il-grad ta' Chief Executive, li fost id-dmirijiet li kellu kien jinkorpora id-dmirijiet ta' principal.

It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li l-MITC offriet dan il-grad lill-appellanta qabel ma hija impjegat persuna ohra, u t-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll li l-management kien ragonevoli meta ghamel il-kundizzjoni li minn kien se jokkupa dan il-grad, kellu jahdem hinijiet flessibbli u kellu jghaddi aktar hin fuq il-post tax-xoghol.

It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li fil-waqt li l-appellanta ma accettatx il-kundizzjonijiet offruta lillha pero bl'ebda modd dan ma setgha jzomm lill-management milli jipprocedi bil-pjanijiet tieghu, jigifieri li jghamel riorganizazzjoni mehtiega biex tghaqdi il-htigijiet ta' l-organizazzjoni.

It-Tribunal Industrijali jikkunsdira wkoll, l-allegazzjonijiet tal-Kumpanija li l-appellanta kellha konflitt ta' interess bejn l-impjieg permanenti taghha u l-interessi privati taghha, u f'dan ir-rigward it-Tribunal Industrijali hu tal-fehma, li fil-waqt li

ma jidhirx li hemm konflitt ta' interess bejn MITC u Galea Insurance , pero fil-kaz kif zvolgew l-avvenimenti dwar il-kaz tal-kors li kellu jsir mill-MITC u l-ETC liema kors ma kienx possibbli li jsir mill-MITC izda sar possibbli li jsir mill-Future Focus fejn l-appellanta kellha interessi f'din il-Kumpanija. F'dan ir-rigward it-Tribunal Industrijali hu tal-fehema li inholoqq konflitt ta' interess meta specjalment l-appellanta wzat il-kuntatti li kellha l-MITC sabiex ghamlet dan il-kors fil-Future Focus.

DECIZJONI

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-Istatements of Case tal-partijiet, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u sema u evalwa x-xhieda prodotti, ikkunsidra is-sottomissjonijiet finali u l-osservazzjonijiet addizzjonali jsib u jiddeciedi dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet citati hawn fuq li t-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant kienet ghall-raguni tajba u suficcjenti..

Ghall-finijiet ta' doveri li jithallsu it-Tribunal Industrijali qieghed jiffissa dawn fl-ammont ta' Erbghin liri(LM40) Maltin – tlieta u disghin Euro (93 Euro) lill-persuni li assistew lill-partijiet.

Harold Walls
Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea
Ghas-Segretarju